



CEDEFOP

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp
ta' Taħriġ Professjonali



Promozzjoni tat-tagħlim għax-xogħol







Cedefop

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma kwistjoni ta' politika nazzjonali. Imma f'suq uniku tax-xogħol Ewropew, huma wkoll kwistjoni għal kollaborazzjoni Ewropea.

Cedefop iwettaq riċerka u analiżi li jsejjsu l-politika tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali nazzjonali u Ewropea, b'enfasi partikolari fuq l-aħjar mod kif jistgħu jingħaqdu l-edukazzjoni u l-impjiegi permezz ta' oqfsa ta' kwalifiki, validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol.

Billi jiġbor, permezz tan-netwerks esperti tiegħu fl-Istati Membri, informazzjoni speċjalizzata dwar politiki u prattiki ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali madwar l-Ewropa, is-Cedefop jipproduċi dejta u statistika li jippermettu tqabbil bejn il-pajjiżi u jidentifikaw l-isfidi preżenti u x-xejriet futuri.

Is-Cedefop jissottometti r-rapporti tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u s-sħab soċjali Ewropej. Jagħti wkoll pariri lill-partijiet interessati dwar kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

lċ-Ċentru jopera wkoll bħala forum, li jlaqqa' flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, is-sħab soċjali, ir-riċerkaturi u l-prattikanti biex jikkondividu l-ideat u jiddiskutu l-aħjar modi biex itejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa.

it-tqabbil tal-ħiliet tal-persuni
mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol



ir-rabta tat-tagħlim tul il-ħajja
mal-impjegabbiltà

fil-2015

Cedefop...

- kif iċċitat f'**107** dokumenti ta' politika tal-UE u f'**56** dokument ta' politika ta' organizzazzjonijiet internazzjonali
- ikkontribwixxa għal **114**-il dokument ta' politika tal-UE
- ħa sehem f'**172** avveniment organizzati mill-Presidenzi tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u persuni ta' grad għoli li jieħdu d-deċiżjonijiet u mexxejja opinjonisti oħrajn fil-politika ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali Ewropea
- irċieva madwar **1 800** viżitatur fil-konferenzi u fil-avvenimenti tiegħu stess

Is-sit web tas-Cedefop irregjistra...

- **609 000** dawnlowd ta' pubblikazzjonijiet
- **393 000** żjara u **1 266 000** dehra ta' paġna



Aħseb b'mod Ewropew iżda aġixxi b'mod **lokali**

Il-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) wasslet għal riformi u għenet biex tgħolli l-livelli tal-ħiliet kullimkien. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ saru aktar flessibbli, u joffru mogħdijiet b'aktar għażliet ta' tranżizzjoni. L-ilħuq tal-livell edukattiv qed jiżdied madwar l-Ewropa u l-ETV qed tkun iktar disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kemm fil-livell sekondarju kif ukoll f'dak terzjarju. Hemm iktar nies li qed ikomplu jitgħallmu tul ħajjithom, iżda għad hemm ħafna xi jsir biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola jew ETV bl-ebda kwalifiki jew bi ftit kwalifiki. Id-diġitalizzazzjoni, b'kapaċitajiet li qed jikbru ta' apparat mobbli, toffri modi interattivi u remoti ġodda ta' tagħlim. Għamilna passi kbar.

Madankollu, fl-istess ħin, is-swieq tax-xogħol qed joffru dejjem aktar sfidi u qed isiru dejjem inqas sikuri. Il-globalizzazzjoni, it-tħassib ambjentali li dejjem jiżdied, il-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-bżonn li jiġu integrati miljuni ta' refuġjati u immigranti fis-sistemi ta' edukazzjoni u fis-swieq tax-xogħol ħolqu inċertezzi u sfidi ekonomiċi bla preċedent mal-Ewropa kollha.

Waqt li l-Ewropa qiegħda tissielet biex tirkupra ekonomikament u soċjalment, in-nies f'ħafna reġjuni Ewropej qed isofru minn qgħad, nuqqas ta' impjegi u xogħlijiet b'paga baxxi; f'reġjuni oħra, dawk li jaħdmu qed ifittxu ħaddiema kkwalfikati iżda ma jistgħux isibu l-ħiliet li jeħtieġu. L-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħiliet u l-kwalifiki qed isiru prerekwiżiti għat-tkabbir u l-iżvilupp.

Is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jeħtieġ li jiżguraw li l-ħiliet tan-nies ikunu aġġornati u jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu. L-informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol tas-Cedefop u t-tbassir tiegħu tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-provvista jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika biex isawru ETV f'konformità mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol. Fil-ħidma ewlenija tiegħu, is-Cedefop jagħti pariri ta' politika lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali dwar l-ETV, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mal-ħiliet u l-kwalifiki.

L-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ li jipprovdu liċ-ċittadini b'ħiliet u bi kwalifiki li jistgħu jieħduhom magħhom meta jiċċaqilqu fil-

pajjiż u bejn pajjiż u ieħor jew minn sistema għall-oħra: il-kwalifiki jeħtieġ li jiġu mifhuma u jkunu komparabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE. Bil-ħidma tiegħu fuq l-oqfsa tal-kwalifiki, l-assigurazzjoni tal-kwalità u għodod oħra, is-Cedefop jappoġġa t-trasparenza tal-esperjenzi tat-tagħlim u jppromwovi mobilità ikbar għaċ-ċittadini Ewropej.

Issa huwa aċċettat b'mod ġenerali li l-mogħdijiet tal-ETV b'sehem sinifikanti ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u skemi tat-tip ta' apprendistat jgħinu liż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-ħidma tas-Cedefop dwar il-kompetenzi ewlenin, it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u l-apprendistati ikkontribwixxiet għall-wiri tal-valur tal-ETV u għaż-żieda fl-interess ta' dawk l-Ewropej li jfasslu l-politika fih.

B'mod parallel mal-proċess ta' Bolonja fl-edukazzjoni ogħla, il-proċess ta' Copenhagen ġab approċċi ġodda għall-ETV u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pajjiżi Ewropej. Dan kiseb ukoll żewġ miri essenzjali: l-inklużjoni u l-eċċellenza.

Li wieħed jaħseb b'mod Ewropej u jaġixxi b'mod lokali jiżgura li l-politiki u l-għodod ġodda jilhq u jappoġġaw lil dawk li jaffaċċjaw l-isfidi ta' kuljum fit-twettiq tal-ETV u lil dawk li huma f'ETV biex ifittxu impjieg, impjieg mill-ġdid u impjegi ta' kwalità. Flimkien, dawn jagħmlu r-riforma tal-ETV attività ta' benefiċċju.



James Calleja
Direttur



Micheline Scheyns
President tal-Bord
Governattiv



Martin Schulz
President tal-Parlament
Ewropew

“It-titjib tal-kapaċità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fi żmien ta’ diffikultajiet ekonomiċi kbar huwa essenzjali. Għandu jsir dak kollu possibbli fit-tfittixja ta’ soluzzjoni għall-kriżi.

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom isiru għażla ugwali u mhux it-tieni għażla wara l-edukazzjoni universitarja. Xi xogħlijiet jeħtieġu studji universitarji iżda ħafna, ħafna oħrajn jeħtieġu esperjenza Prattika pprovduta l-aħjar permezz ta’ taħriġ vokazzjonali.

Għandna bżonn edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali attraenti għaliex għandhom il-poter li jqabblu l-impjeggi u l-ħiliet, biex b’hekk itejbu b’mod sinifikanti l-possibbiltajiet ta’ impjeg għal ħafna.

Bin-netwerk impressjonanti tiegħu stabbilit tul dawn is-snin kollha, is-Cedefop huwa f’pożizzjoni ideali biex iwitti t-triq għall-invigorazzjoni mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-forum uniku tiegħu, li permezz tiegħu l-iskambji tal-aħjar Prattika, il-pariri esperti dwar il-linji politiċi u s-sostenn għalih jistgħu jiġu żviluppati, huwa forsi aktar importanti illum minn qatt qabel.”

“ L-Ewropa ser tkun qed tistrih fuq il-kontribut tas-Cedefop ”

“ Cedefop jibqa’ rilevanti illum daqskemm kien erbgħin sena ilu ”



Marianne Thyssen
Il-Kummissarju Ewropew
għall-Impjiegi, Affarijiet
Soċjali, Filit u Mobilità

“L-ebda organizzazzjoni ma tifhem aħjar mis-Cedefop kemm is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-Ewropa qegħdin jitħabtu biex jissodisfaw l-aspettattivi tas-seklu 21.

Bħala ċentru ta’ esperti, is-Cedefop jaf bl-isforzi sostanzjali investiti mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali fit-titjib tas-sistemi ta’ edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali. Dawn l-isforzi qed jagħtu riżultati: tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, validazzjoni aħjar ta’ taġlim mhux formali u informali, u aktar opportunitajiet għall-apprendistati ta’ kwalità.

Iżda baqa’ ħafna sfidi. Biex is-sistemi jsiru iktar flessibbli, u l-qsim tal-frontieri għal studju jew xogħol isir eħfef, irridu nużaw l-għodod Ewropej komuni li s-Cedefop għen biex jiżviluppa u li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jimplementaw.

Irridu nkomplu nsaħħu r-rabta bejn il-programmi vokazzjonali u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas l-ispariġġ bejn il-ħiliet u jiġi żgurat li programmi bħal dawn jaġixxu bħala pont għax-xogħol. Għandna wkoll nagħmlu sforz ikbar biex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jsiru aktar attraenti u tingħata spinta lill-parteċipazzjoni fit-taġlim tul haġja sabiex ikun sfruttat kull talent.

Jien infittex l-appoġġ tas-Cedefop permezz tal-analiżi esperta tiegħu ta’ riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Istati Membri. Infittex ukoll għall-appoġġ tiegħu permezz tal-osservazzjonijiet tiegħu dwar ix-xejriet tas-suq tax-xogħol bħal tbassir ta’ provvista u domanda tal-ħiliet u riċerka dwar l-ispariġġ tal-ħiliet.”



Biex jiġbor dejta affidabbli, aġġornata u komparabbli
għall-analiżi tiegħu, is-Cedefop għandu networks
li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE



ReferNet

In-netwerk ewlieni tas-Cedefop għal informazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ReferNet, huwa magħmul minn istituzzjonijiet nazzjonali msieħba. Dawn jipprovdu lis-Cedefop b'informazzjoni dwar sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u żviluppi fihom, u dwar kif il-pajjiżi tagħhom jimplimentaw l-oġettivi tal-politika Ewropea.



SkillsNet

In-netwerk tas-Cedefop għall-ħiliet jilqa' r-riċerkaturi li jaħdmu fuq l-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol u jappoġġaw it-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka fil-politika u l-prattika. Il-membri ta' SkillsNet jipparteċipaw f'attivitajiet tas-Cedefop fuq it-tbassir tal-ħtiġijiet u l-provvista tal-ħiliet u l-istħarriġ u l-analiżi settorjali tiegħu dwar l-aħjar mod kif jitqabblu l-ħiliet tan-nies mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.



65 miljun CV
IĠĠENERATI PERMEZZ
TAL-EDITUR ONLAJN
mill-2005

125 miljun
żjara
LIS-SIT WEB TAL-EUROPASS
mill-2005



ritratt: © WorldSkills France_43ALS_Fraisage (30)

Europass

Portafoll ta' dokumenti żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea biex jappoġġja l-mobilità taċ-ċittadini Ewropej.

Jikkonsisti f'mudell standard tal-curriculum vitae, passport tal-ħiliet u passport tal-lingwa disponibbli b'27 lingwa u aċċettat madwar l-Ewropa kollha.

Is-sit web tal-Europass huwa mmanijġġjat mis Cedefop għall-Kummissjoni Ewropea. Mit-tnedija tiegħu fl-2005, irċieva 125 miljun żjara.



93 miljun
dawn lowd
mill-2005



ritratt: © Shutterstock/morgan DDL

Il-ħidma tas-Cedefop fi ftit kliem



jagħmel l-edukazzjoni u t-taħriġ
vokazzjonali aktar attraenti

Sistemi u istituzzjonijiet ta' taħriġ

Cedefop **jissorvelja:**

- bidliet fil-politiki, is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-ETV;
- l-implimentazzjoni ta' għodod komuni Ewropej, bħal oqfsa ta' kwalifiki, imfassla sabiex jippermettu paragon u rikonoxximent tal-kwalifiki minn pajjiżi jew sistemi differenti.

Iċ-Ċentru **jappoġġa** lil dawk li jfasslu l-politika fl-implimentazzjoni ta' riformi relatati.



DESKRIZZJONIJIET

Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ nazzjonali



RAPPORTI

Żviluppi ta' politika Ewropea u nazzjonali



OQFSA

Oqfsa ta' kwalifiki Ewropej u nazzjonali



EŻITI

Eżiti tat-tagħlim

Tagħlim u impjegabbiltà

Is-Cedefop **jeżamina** politiki, pereżempju dwar it-tagħlim għall-adulti u l-inklużjoni soċjali, li jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini biex jiċċaqilqu mill-edukazzjoni għall-impjieg u biex isibu u jżommu l-impjieg. Iħares ukoll lejn politiki li jagħmlu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għażla aktar attraenti għaż-żgħażaġh.

Iċ-Ċentru **jagħti pariri** lill-partijiet ikkonċernati dwar kif jindirizzaw tkemm il-bżonnijiet taċ-ċittadini kif ukoll il-prijoritajiet ekonomiċi Ewropej u nazzjonali.



ALLEANZA EWROPEA GĦALL-APPRENDISTATI
Kooperazzjoni mal-Istati Membri, reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tal-apprendistat tagħhom u għoti ta' pariri




TAGĦLIM IBBAŻAT FUQ IX-XOGĦOL
Valutazzjoni ta' mudelli ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol fl-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u ta' tkomplija biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u mogħti parir dwar il-politika



TLUQ BIKRI
It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ





ritratt: © E. Wateau-Euroskills-2014-Electronics (1)



ritratt: © Euroskills 2014



ritratt: © WorldSkills France_43ALS_Fraisage (42)

Ħiliet u suq tax-xogħol

Is-Cedefop **jirriċerka** kif ix-xejriet soċjoekonomiċi u demografiċi jaffettwaw l-impjieg, in-natura tal-impjieg u d-domanda għall-ħiliet fis-suq tax-xogħol.

Iċ-Ċentru **jipprevedi** l-provvista u d-domanda tal-ħiliet futuri u jipprovdi informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol biex jgħin lill-individwi, lil dawk li jħaddmu u lil dawk li jfasslu l-politika biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-karrieri.



TBASSIR PAN-EWROPEW TAL-BŻONNIJET U L-PROVVISTA TAL-ĦILJET



L-EWWEL STĦARRIĠ EWROPEW DWAR IL-ĦILJET U L-IMPJIEGI

Jeżamina kif il-kwalifiki u l-ħiliet tan-nies jissodisfaw (jew le) domandi li qed jinbidu u l-kumplessitajiet tal-prattiki tal-impjieg tagħhom u jipprovdu parir dwar il-politika



PANORAMA TA' ĦILJET

Il-punt ta' aċċess ċentrali tal-UE għal informazzjoni dwar xejriet għall-ħiliet u l-impjiegji fl-Ewropa

Cedefop

Aktar minn erbgħin sena

1975-2015



Storja

Matul dawn l-aħħar erbgħin sena, ix-xogħol tas-Cedefop ispira l-iżvilupp ta' politika u prattika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa.

lċ-Ċentru ġie stabbilit fl-1975, fl-isfond tal-irvellijiet tal-istudenti tal-1968 u l-kriżi ekonomika u tas-soċjetà tas-snin ta' wara. Ir-riformi fl-edukazzjoni terzjarja taw bidu biex il-gvernijiet u t-trejdjunjins jirriflettu fuq l-immodernizzar tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li kien ta' importanza vitali għas-suċċess ta' suq tax-xogħol komuni.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, ir-rappreżentanza tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE, kien favur l-istabbiliment ta' ċentru Ewropew li jkun jitratta r-riċerka dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

lċ-ċentru l-ġdid kien stabbilit f'Berlin tal-Punent, biex juri li l-belt maqsuma kienet parti mill-Komunità Ewropea. Kważi għoxrin sena wara, meta l-unifikazzjoni tal-Ġermanja u t-tkabbir tal-UE kienu biddlu l-panorama politika u ekonomika Ewropea, il-Kunsill tal-Ministri ddeċieda li jmexxi lis-Cedefop f'Tessaloniki, il-Greċja.



Gromyko äußert sich kritisch über
das geplante EG-Institut in Berlin

F. KEMNA/D. GOOS, Berlin/Bonn

Der sowjetische Außenminister Gromyko hat sich, wie in Berlin bekannt wurde, regenüber den Moskauer Boten der EG-Mitgliedsstaaten kritisch geäußert. Ein Forschungs-

Moskaus als Ausdruck einer möglichen allgemeinen Verhärtung des sowjetischen Westkurses gewertet, zumal der Kreml damit offenbar eine politische Konfrontation mit der EG in Kauf nimmt, an deren Gesprächsbereitschaft ihm in wirtschafts- und handelspolitischen Fragen gerade in den letzten Jahren gelegen war.

Stadji importanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali Ewropej



1957

Ġiet stabbilita l-Komunità Ekonomika Ewropea - l-Artikolu 128 tat-Trattat ta' Ruma jistabbilixxi "prinċipji ġenerali għall-implimentazzjoni ta' politika komuni ta' taħriġ vokazzjonali"

1963

Il-Kunsill Ewropew joħloq Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ Vokazzjonali

1970

Il-grupp ta' studju tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappella għal istitut Ewropew għal taħriġ vokazzjonali

1975

Ir-regolament tal-Kunsill jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) f'Berlin tal-Punent

L-aħħar tas-60ijiet

Inkwiet fost l-istudenti fl-Ewropa/sistemi tal-edukazzjoni fi stat ta' kriżi

1968-73

Jinħolqu istituti ta' taħriġ vokazzjonali f'diversi pajjiżi Ewropej. L-OECD u l-Unesco jistabbilixxu istituti għar-riċerka dwar l-edukazzjoni

1985

It-tnedija tad-djalogu soċjali Ewropew biex jinvolvi lis-sħab soċjali fl-iżvilupp tas-suq intern Ewropew

- Id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-komparabilità tal-kwalifiki vokazzjonali bejn l-Istati Membri
- It-tnedija ta' programm ta' żjarat ta' studju għall-esperti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ġestiti mis-Cedefop għall-Kummissjoni



Berlin



in-nofs tat-80ijiet

Introduzzjoni ta' eżiti tat-tagħlim biex jiddefinixxu l-kwalifiki. Minn dakinhar 'l hawn l-għodod u l-prinċipji Ewropej kienu bbażati fuq dan l-approċċ:

L-Europass (mill-2005), il-qafas Ewropew tal-kwalifiki (2008), sistema Ewropea ta' kredits għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ECVET) u l-qafas Ewropew ta' referenza tal-assigurazzjoni tal-kwalità (EQA-VET) (2009), rakkomandazzjoni dwar il-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali (2012)

1995

Is-Cedefop ġie trasferit minn Berlin għal Tessaloniki

- It-tnedija tal-programm Leonardo da Vinci b'apoġġ tat-taħriġ vokazzjonali

2002

Id-dikjarazzjoni ta' Copenhagen dwar kooperazzjoni Ewropea mill-qrib fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Cedefop jistabbilixxi ReferNet

2007

Programm Ewropew tat-tagħlim tul il-ħajja (2007-13)

2013

Alleanza Ewropea għall-apprendistati

2015

Is-Cedefop jiċċelebra l-40 anniversarju tiegħu u l-20 sena tiegħu f'Tessaloniki, il-Greċja

- Il-konkluzzjonijiet ta' Riga: set ġdid ta' objettivi għal perjodu qasir 2015-20



Natndmu minn Tessaloniki għall-Ewropa kollha

Aħna persunal ta' 120 persuna minn iktar minn 20 pajjiż Ewropew. Is-Cedefop jaċċetta madwar 10 trainees fis-sena mill-Ewropa kollha, normalment persuni gradwati fl-livell 6 jew 7 tal-QEK, fejn noffruhom esperjenza diretta ta' xogħol f'ambjent tal-Unjoni Ewropea. Iċ-Ċentru jilħaq lill-komunità lokali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, billi jorganizza u jipparteċipa f'avvenimenti u jagħti pariri lill-awtoritajiet Griegi dwar kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Il-Bord ta' Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija tas-Cedefop huwa magħmul mill-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet ta' min jħaddem u t-trejdjunjins, u mill-Kummissjoni Ewropea. Id-Direttur iwettaq id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u huwa responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-ħidma u l-persunal tas-Cedefop. Iċ-Ċentru jirrapporta annwalment lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tiegħu. Huwa responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew li jagħtih l-awtorizzazzjoni fuq il-baġits annwali tiegħu.





Is-Cedefop ġie stabbilit
bir-Regolament (KEE)
Nru 337/75 tal-Kunsill
tal-10 ta' Frar 1975
li jwaqqaf Ċentru
Ewropew għall-Iżvilupp
ta' Taħriġ Profjessjonali.

Fuq l-Internet hemm
disponibbli ammont
kbir ta' informazzjoni
addizzjonali dwar l-Unjoni
Ewropea. Aċċess għal
din l-informazzjoni jista'
jsir fuq is-server Europa
(<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu:
L-Uffiċċju tal-
Pubblikazzjonijiet tal-
Unjoni Ewropea, 2016

ISBN 978-92-896-2170-0
doi: 10.2801/452403

Drittijiet tal-awtur
© l-Ċentru Ewropew
għall-Iżvilupp ta' Taħriġ
Profjessjonali (Cedefop),
2016. Id-drittijiet kollha
huma riżervati.

*Stampat fl-Unjoni
Ewropea*

Dehra panoramika tal-pjazza
Aristotelous, Tessaloniki, il-Greċja
ritratt: © Shutterstock/Lambros Kazan



CEDEFOP

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp
ta' Taħriġ Professionali

Europe 123, 570 01 Thessaloniki (Pylea), GREECE

PO Box 22427, 551 02 Thessaloniki, GREECE

Tel. +30 2310490111, Fax +30 2310490020, Email: info@cedefop.europa.eu

Cedefop jimmaniġġja l-Europass, il-Panorama ta' Hiliel, ir-ReferNet

visit our portal www.cedefop.europa.eu

 /cedefop

 @cedefop



L-Uffiċċju ta' Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-896-2170-0



9 789289 621700